Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 519/2015

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Sean Sinclair Pace

Illum 26 ta' Mejju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Sean Sinclair Pace detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 89096 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-13 ta' Ottubru 2015 għall-ħabta ta' 16:45pm u fis-siegħat ta' wara, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi; attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma

titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***3.*** U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PC 488 Emanuel Cilia f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' PC 488 Emanuel Cilia, liema ħsara hija ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Attard Bianchi detentur ta' numru tar-reġistru mediku 3124, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***4.*** U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħebb kontra PS 463 Christopher Ellul, sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara.

***5.*** U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***6.*** U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi: ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***7.*** U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok, u ċirkostanzi f'lok pubbliku volontarjament qal kliem oxen li jikkonsisti f'dagħa ***u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***8.*** U aktar talli fl-istess, data, ħin, lok u ċirkostanzi f'lok pubbliku mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil PC 488 Emanuel Cilia, b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab

jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih ***u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' PC 488 u PS 463 billi jiġu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li flimkien ma' ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni toħroġ Ordni ta' Trattament li jkun meħtieġ fil-konfront ta' l-imputat Sean Sinclair Pace u dan ai termini 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sean Sinclair Pace, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Diċembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti bir-rispett joġobgħa tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati, tibdilha u tħassar fejn sabitu ħati taħt l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali u minflok issibu biss ħati taħt l-Artikolu 95, u konsegwentament tibdilha dwar il-piena, billi tatgħti piena li aktar tagħmel għall-każ u għaċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Sean Sinclair Pace huma s-segwenti w ċioe':-

1. **Assorbiment**

Għandu jingħad li l-kontravenzjonijiet kollha li tagħhom instab ħati l-esponenti kienu elementi kostitutivi tar-reat markat numru wieħed. Dan japplika wkoll għall-ferita ħafifa.
L-artikolu 95 tal-Kap. 9 prċisamentjagħmel riferenza għar-reati kostitutivi tiegħu, u jorbot il-piena mal-istess reati kostituvi tiegħu.

2. **Differenza bejn l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.**

Bir-rispett kollhu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma għamlitx id-distinzjoni netta li teżisti bejn l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Fiż-żewġ reati irid ikun hemm l-uffiċjal pubbliku.
Fiż-żewġ reati irid ikun waqt ix-xogħol tiegħu.
Fiż-żewġ reati irid ikun hemm id-disubbidjenza lejn l-aġir tal-uffiċjal pubbliku.
Fiż-żewġ reati jista' jkun hemm vjolenza (għax kieku kif isiru l-feriti taħt l-artikolu 95?)

Id-distinzjoni toħroġ mill-kliem fl-artikolu 96: '96. Kull min jattaka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b' ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtoritajiet kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –

Dan il-kliem wieħed irid iqabblu ma' dak li jingħad fl-artikolu 95: 'wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li

jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz....'

Ħadd mill-Pulizija ma xehed li kien hemm xi ordni ta' arrest (allura jkun hemm l-esekuzzjoni tal-liġi) imma sempliċiment iż-żamma tal-buon ordni u din taqa' taħt il-kliem li dak il-Pulizija jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz.

Huwa propju dak li jingħad fis-sentenza ċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Pulizija vs Lawrence Attard (Qorti tal-Appell – 12 ta' Settemru, 1996) fejn joħorġu żewġ eżempji ċari, li juru distinzjoni. Kienet għalhekk li saret il-mistoqsija lill-Pulizija li kien fl-Emergency Ward jekk hu kien intima l-arrest lill-appellanti. U it-tweġiba tiegħu kienet li kien qed jipprova jikkalmaħ.

Għalhekk ir-reat taħt Artikolu 96 ma jissustistix imma hemm ir-reat taħt l-Artiklu.

**3. Dwar il-Piena.**

Il-piena kienet gravuża. Hemm provi bizzejjed li juru li kien applikabbli l-Artikolu 34(4) tal-Kodiċi Kriminali. L-istat mentali tal-appellanti ma kien stabbli xejn u ġie ppruvat mill-istess xhieda tal-prosekuzzjoni. Għalhekk il-piena kellha tkun aktar miti.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija wahda ta' natura legali meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqqset milli taghmel distinjoni bejn ir-reat ipotizzat fl-artikolu 95 u dak li jitkellem dwaru l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Jishaq illi l-fattispecje ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fl-elementi li isawwru ir-reat taht l-artikolu 95 u mhux dak prospettat fl-

artikolu 96 u ghalhekk kellha tinsab htija ghall-ewwel akkuza u mhux ukoll tat-tieni wahda bl-assorbiment tal-akkuzi l-ohra fl-ewwel akkuza.

Illi ma hemmx dubbju illi uhud mill-ingredjenti mehtiega biex jinhmew iz-zewg reati huma identici. Dan ghaliex dawn ir-reati iridu necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti ghandu ragun meta jishaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa hawnhekk illi l-appellanti qieghed iressaq il-kontestazzjoni tieghu. Dan ghaliex fil-fehma tieghu f'dan l-incident li sehh gewwa l-isptar Mater Dei, meta l-pulizija Cilia resaq lejh biex izommu meta huwa kien fi stat ta' agitazzjoni u qieghed jirribella ghad-decizjoni tat-tobba illi jintbaghat l-isptar Monte Carmeli, dan il-pulizija ma kienx qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew jezegwixxi xi ordni moghtija skont il-ligi, billi ma kienx qieghed jipprocedi ghall-arrest tieghu, izda kien qieghed biss jipprova jikkalmah u irazznu.

Issa l-Ewwel Qorti sabet ir-reita' fl-appellanti ghal dina l-akkuza billi dehrilha illi l-ufficjal tal-pulizija fid-Dipartiment ta'l-Emergenza kien qieghed hemmhekk prezenti ghaz-zamma tal-buon ordni. Illi allura fil-mument illi huwa indahal sabiex irazzan lill-appellanti milli ikompli ihebb ghat-tabib li kien qed jezaminah, tishaq l-Ewwel Qorti, huwa kien necessarjament qieghed jezegwixxi dak li tghidlu l-ligi u dak li kien fid-dmir li jaghmel u cioe' li izomm il-bon ordni ghalkemm sa dak il-mument ma kienx qieghed jipprocedi ghall-arrest ta'l-appellanti. Izda imbaghad stranament l-Ewwel Qorti tghaddi biex ticita gurisprudenza fejn hemm indikat xort'ohra minn dak affermat minnha meta issir referenza ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent

DeGaetano fid-decizjoni Il-Pulizija vs Lawrence Attard deciza fit-12 ta' Settembru 1996 fejn inghad:

"*Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta'l-artikolu 95.*"

Issa il-fattispecje ta' dina id-decizjoni iccitata huma simili hafna ghal dawk taht il-lenti ta' din il-Qorti f'dan l-appell. L-PC488 Emanuel Cilia ighid hekk dwar dak li sehh:

"*Meta jiena mort biex niftah il-purtiera ghax smajt l-istorbju sibt lill-imputat …. u dan ghaliex xtaq johrog mill-cubicle peress li t-tabib u l-psikjatra rieduh imur l-isptar Monte Carmeli. Illi effettivament dak il-hin Sean kien bil-wieqfa b'basket, it-tabib Dr. Mark Attard Biancardi ipprova jzommu b'id wahda. Nghid li dak il-hin Sean xejjer idejh biex qala' idejh minn idejn it-tabib. Dhalt jien zammejt lil Sean minn wara u ghidtlu 'mhux hekk habib' u meta l-imputat dar lura u induna li jiena pulizija dar u beda jaghtini bil-ponn mill-ewwel. Ha il-posizzjoni tal-boxing, tani daqqa go rasi, ippruvajt nilqa' d-daqqiet. … Jiena bdejt nersaq lura ghax kelli spazju fejn nersaq lura, uzajt ftit forza minima biex imbuttajtu fil-genb u ersaqt lura. …*"

Illi mid-deskrizzjoni ta' dan ix-xenarju kif imfisser mill-kuntistabbli stess, ghalkemm l-imsemmi ufficjal kien qieghed jaqdi d-dmir tieghu billi jipprova izomm il-bon ordni meta sofra dina l-offiza fuq il-persuna tieghu u spicca mhedded, madanakollu ma jistax jinghad illi huwa f'dan il-hin qasir kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghtija skont il-ligi minn xi awtorita'. Fl-ebda hin f'dawn l-ghaxar sekondi li kien quddiem l-

appellanti (kif ighid hu stess fix-xhieda tieghu) ma jidher illi huwa kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu.

Lanqas ma jista jinghad li jissussisti dan ir-reat iktar tard u cioe' l-ghada fil-ghodu filwaqt li kien jinstab arrestat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, billi ma jidhirx illi f'dan it-tieni incident huwa hebb ghas-surgent Christopher Ellul li kien qieghed ghassa mieghu, jew inkella li uza xi vjolenza fil-konfront tieghu, billi s-surgent ighid illi l-appellanti qal biss xi kliem ingurjuz fil-konfront tieghu.

Kwindi l-appellanti ghandu ragun fl-ilment minnu imressqa billi huwa ghandu jinstab hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95, izda mhux ukoll dak indikat fl-artikolu 96 billi wiehed mill-elementi necessarji sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat huwa nieqes.

Illi il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina l-ewwel lanjanza imressqa mill-appellanti diretta lejn is-sentenza impunjata meta jishaq illi l-kontravenzjonijiet kollha li taghhom instab hati, kif ukoll l-akkuza li tikkontempla l-offiza ta' natura hafifa, kienu elementi kostituttivi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 u allura kellha tigi erogata il-piena ghar-reat l-iktar gravi bir-reati l-ohra ikunu komprizi u involuti fir-reat l-iktar gravi. Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least***

***serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi, iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[1]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.***

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."***

Illi minn qari ta' dan l-aggravvju jidher illi l-appellanti qieghed isostni illi fil-kaz ta'l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu hemm il-konkors

[1] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012

formali tar-reat u dan ghaliex billi l-fatti huma unici l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-piena ghar-reat l-iktar gravi.

Kif gie deciz b'analogija mal-att ta'l-akkuza:

"**Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[2].

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati kemm dawk kontravvenzjonali kif ukoll dak ta'l-offiza hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Cilia u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-konfront tas-surgent Christopher Ellul. Kwindi stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti gie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-kaz kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.

Finalment l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika dak dispost fl-artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali meta giet biex teroga l-piena fil-konfront tieghu. Dan ghaliex jishaq illi l-istat mentali tieghu kien ikkundizzjonat mill-fatt illi huwa kien ghadu kemm abbuza mid-droga eroina tant illi meta iddahhal l-isptar kien mitluq. Issa l-artikolu 34 tal-Kodici Kriminali jikkontempla mitigazzjoni fil-piena minhabba stat ta' intossikazzjoni meta:

[2] ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi – 11/01/1994 App.Sup

**“a) minħabba f’hekk il-persuna akkużata, fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas in kwistjoni, ma kenitx kapaċi li tifhem jew li jkollha volontà u kienet tinsab fi stat ta’ sokor bla ma riedet hija, bl-egħmil doluż jew negliġenti ta’ persuna oħra; jew (b) il-persuna akkużata, minħabba s-sokor, kienet fi stat ta’ ġenn, temporanjament jew xort’oħra, fil-waqt ta’ dak l-att jew ta’ dak in-nuqqas.”**

Issa mill-atti probatorji ma jirrizultax illi f’dan il-kaz kien hemm is-sussistenza ta’ xi wahda minn dawn iz-zewg ipotizijiet li jitkellem dwarhom l-artikolu 34. Fil-fatt it-tabib Mark Anthony Attard Biancardi li kien qed jikkura lill-appellanti, ghalkemm mid-dijanjosi li ghamel dehrlu li l-pazjent kien taht l-effett ta’ sustanzi illeciti u allura iddecieda li kellu jigi trasferit gewwa l-isptar Monte Carmeli, madanakollu jidher illi ftit qabel ma inqala’ l-incident huwa kien tah l-injezzjoni imsejjha Naxolon u l-pazjent beda ihossu ahjar. Di piu’ jidher illi l-agir aggressiv u ta’ insubordinazzjoni mill-appellanti sahansitra kompla sighat wara u cioe’ l-ghada fil-ghodu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema fejn sahansitra insulenta lis-surgent Ellul u naqas milli jobdi l-ordinijiet tal-pulizija. Illi fil-fatt kellha ragun l-Ewwel Qorti meta imponiet piena karcerarja effettiva fuq l-appellanti li wera insubordinazzjoni u aggressjoni fil-konfront ta’ ufficjali tal-pulizija li mhux biss kienu qed jaqdu id-dmir taghhom u jaghmlu xogholhom meta spiccaw aggrediti u insulentati, izda kienu qed jippruvaw ighinu lill-appellanti, haga li milli jidher ma gietx apprezzata minnu.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell in parte u tirriforma is-sentenza appellata bil-mod segwenti u cioe’ billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hati ta’l-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u it-tmien imputazzjonijiet u fejn illiberatu mis-seba imputazzjoni, izda thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentment tilliberah minnha. Tirriforma l-piena inflitta billi minflok il-

piena ta' sena prigunerija u multa ta' €1000, tikkundanna lill-appellanti ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija u multa ta' €800.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur